**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Marzu 2020**

**Talba Nru: 272/19 CZ**

**Favell Wines & Spirits Limited (C 37343)**

**vs.**

**Clayton Castaldi**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-24 ta' Settembru 2019 fejn talbet il-hlas ta' ammont dovut lis-socjeta' attrici ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut gewa l-hanut Snooker Hall (statement anness Dok. A).

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tad-29 t'Ottubru 2018, u bl-imghax legali mit-13 t'Ottubru 2017, data tal-konsenja, sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-26 ta' Frar 2020.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u hamsa w ghoxrin Euro u wiehed u sittin centezmu (€525.61) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur